

Brussell, 13 ta' Mejju 2020
(OR. en)

7984/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0076(NLE)

ACP 27
WTO 78
COAFR 137
RELEX 326

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Mejju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 192 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Komitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim interim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward l-adozzjoni tal-proċeduri tar-riżoluzzjoni tat-tilwim u tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 192 final.

Mehmuż: COM(2020) 192 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.5.2020
COM(2020) 192 final

2020/0076 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim interim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward l-adozzjoni tal-proċeduri tar-riżoluzzjoni tat-tilwim u tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tirrigwarda d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il-quddiem "il-Ftehim")¹, rigward l-adozzjoni maħsuba tal-proċeduri tar-risoluzzjoni tat-tilwim u tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Ftehim interim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Kosta tal-Avorju

L-iskop tal-ftehim huwa li jistabbilixxi qafas inizjali għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika b'konformità mal-Ftehim ta' Cotonou. Il-Ftehim ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mit-3 ta' Settembru 2016.

2.2. Kumitat tal-FSE

Il-Kumitat tal-FSE huwa l-organu istituzzjonali konġunt ta' dan il-ftehim. L-Artikolu 73 tal-ftehim jistipula li l-Kumitat tal-FSE huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tal-oqsma kollha koperti mill-Ftehim u mit-twettiq ta' kull kompit u msemmi fih. Il-Kumitat tal-FSE jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu bi qbil ġenerali. Il-funzjonament tal-Kumitat tal-FSE huwa deskritt fir-regoli ta' proċedura tiegħu².

2.3. Att stipulat mill-Kumitat tal-FSE

Fil-ħames laqgħa tiegħu fi [data], il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta deċiżjoni li tirrigwarda l-Proċeduri ta' Qbil dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim ("l-att previst").

L-Artikolu 59(1) tal-Ftehim jistipula li "il-Proċeduri ta' Qbil dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim previsti huma mmexxija mir-regolament tal-proċedura li se jkun adottat mill-Kumitat tal-FSE.

L-għan tal-att previst huwa li jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet previsti fit-Titolu V tal-Ftehim għar-risoluzzjoni ta' kunflitti li jistgħu jinqalgħu bejn il-Partijiet. L-adozzjoni ta' dawn ir-regoli huwa element essenzjali biex jiġi finalizzat il-qafas operazzjonali għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar is-soluzzjoni tat-tilwim.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment tal-proċeduri tar-risoluzzjoni tat-tilwim u tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri.

Il-partijiet għall-Ftehim qablu ma' dan l-abbozz ta' deċiżjoni, inizjalawh fir-raba' laqgħa tal-Kumitat tal-FSE fis-27 u t-28 ta' Novembru 2019 u, suġġett għall-proċeduri ta' teħid ta'

¹ ĠU L 59 tat-3/03/2009 p. 3.

² ĠU L 194 tal-31.07.2018, p. 158

deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea, għandhom jadottawh fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tal-FSE, li għandha ssir fi tmiem l-2020.

Din id-deċiżjoni hija essenzjali sabiex id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tat-Titolu V dwar l-Evitar u Soluzzjoni tat-Tilwim isiru operazzjonali u biex b'hekk tkun żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-Ftehim.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”.

Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE”³.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat tal-FSE huwa korp stabbilit bi Ftehim, jiġifieri mill-Ftehim Interim ta’ Sħubija Ekonomika bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra.

L-att, li l-Kumitat huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali b’konformità mal-Artikoli 59 u 67 tal-Ftehim.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tiġi meħuda pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

³ Il-paragrafi minn 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, il-Ġermanja vs il-Kunsill, ECLI:UE:C:2014:2258, punti 61 sa 64.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni. Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li d-deċiżjoni tal-Komitat tal-FSE se temenda l-Ftehim, huwa xieraq li din tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ladarba tiġi adottata.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim interim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward l-adozzjoni tal-proċeduri tar-risoluzzjoni tat-tilwim u tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim")⁴ ġie ffirmat f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/156/KE⁵. Dan qiegħed jiġi applikat b'mod proviżorju mit-3 ta' Settembru 2016.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 59(1) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta r-regoli ta' proċedura u l-kodiċi ta' kondotta għall-proċeduri għar-risoluzzjoni ta' tilwim.
- (3) Il-Kumitat tal-FSE, fil-laqgħa annwali tiegħu li jmiss, se jintalab jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-proċeduri għar-risoluzzjoni ta' tilwim u l-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri.
- (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat tal-FSE, fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjoni prevista sa fejn din tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni li jinsab meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁴ ĠU L 59 tat-3.3.2009, p. 3

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/156/KE tal-21 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 59, 3.3.2009, p. 1).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim interim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, hija bbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE rigward l-adozzjoni tal-proċeduri tar-riżoluzzjoni tat-tilwim u tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri, meħmuż ma' din id-deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President